AVUKAT ĠENERALI
MALTA

ATTORNEY GENERAL
MALTA

TELEPHONE: 21225401
21235315
21238189
FAX: 21240738

Rif Tagħna: AG 42/16

8 ta' Jannar 2016

Ms. Anna Brincat
Skrivan tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi
Kamra tar-Rappreżentanti
Valletta

**Re: Nuqqas ta' attendenza ta' xhud quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Nirreferi għat-talba biex jingħata parir legali dwar jekk il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ("il-Kumitat") għandux mezzi legali biex iġib quddiemu persuna li tkun naqqset milli tidher biex tixhed wara li jkun inkarigalha Avviż ta' Taħrika li jkun ġie notifikat bil-posta reġistrata.

**Il-Liġi**

Il-Kumitat huwa mwaqqaf permezz tal-paragrafu (iii) tal-Ordni Permanenti 120A tal-Ordinijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati. Is-setgħat, il-funzjonijiet u l-kompożizzjoni tal-Kumitat huma stipulati fl-Ordni Permanenti 120E.

Skont l-Ordni Permanenti 132 "Kull kumitat permanenti u kull kumitat magħżul ikollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jordna li jinġiebu dokumenti u rapporti f'dak il-ħin u post li jista' jiġi ndikat fil-mandat relattiv f'dak il-post u ħin li s-seduta tal-kumitat tista' tkun aġġornata għalihom. Ix-xhieda jistgħu jkunu ordnati biex jattendu permezz ta' mandat maħruġ mill-president tal-kumitat relattiv u jiġi ffirmat mill-iskrivan;"

L-Ordni Permanenti 164 jistipula wkoll illi "Il-Kamra jkollha s-setgħa u l-awtorita' li tħarrek quddiem il-Kamra stess jew quddiem xi kumitat tagħha kull persuna biex tixhed jew tagħti parir dwar xi ħaġa fil-ġurisdizzjoni tal-Kamra, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati."

L-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113) ukoll tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-inġunzjoni ta' xhieda quddiem il-Kamra u quddiem il-kumitati tagħha.

Fil-fatt l-artikolu 4 (1) jistipula li "Il-Kamra tista' tordna d-dehra quddiemha ta' xhieda u periti biex jagħtu x-xhieda jew il-fehma fuq ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu jew li jkollhom konnessjoni mal-Gvern ta' Malta jew fuq ħwejjeġ li l-Kamra jkun jidhrilha illi huwa fl-interess pubbliku li jkollha tagħrif dwarhom."

L-Artikolu 5 (1) tal-Kap 113 jistipula li "Ix-xhieda u l-periti jiġu ordnati biex jidhru b'mandat maħruġ b'ordni tal-Kamra iffirmat mill-Iskrivan tal-Kamra."

Is-sub-artikolu 5 (3) imbagħad jistipula illi: "Kopja ta' dan il-mandat għandha tiġi notifikata b'messaġġier tal-Kamra jew b'uffiċjal tal-Pulizija lix-xhud jew lill-perit, sew billi jagħtiha f'idejh stess jew billi jħalliha f'idejn xi ħadd tad-dar tiegħu li ma jkunx taħt l-eta' fil-lok fejn soltu huwa joqgħod, mhux anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel iż-żmien li fih imissu jidher quddiem il-Kamra."

Is-subartikolu 5 (4) jobbliga lill-uffiċjal li jagħmel in-notifika li "f'kull każ jagħmel riferta li biha juri lil min u kif saret in-notifika."

L-artikolu 7 jistipula li "Il-Kamra tista' tagħti s-setgħat tagħha dwar is-smigħ ta' xhieda iżda mhux dwar l-għoti ta' pieni lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi."

L-artikolu 8 jistipula illi "Kull min wara li jiġi notifikat b'kopja tal-mandat imsemmi fl-artikolu 5 jonqos mingħajr raġuni xierqa, li jidher quddiem il-Kamra, jew meta jidher

quddiem il-Kamra ma jkunx irid jieħu l-ġurament jew iwieġeb għall-mistoqsijiet...isir ħati ta' nuqqas ta' qima lejn il-Kamra u jaqa' taħt il-pieni msemmija fl-Artikolu 11".

Is-sub-artikolu 8 (2) jikkontempla wkoll il-ħruġ ta' mandat ta' arrest kontra kull min jonqos li jidher quddiem il-Kamra meta jkun ġie debitament imsejjaħ. Dak il-mandat ta' arrest jinħareġ b'ordni tal-Kamra u jiġi ffirmat mill-Iskrivan tal-Kamra u esegwit mill-Pulizija.

L-artikolu 15 imbagħad jistipula illi "Is-setgħat u l-privileġġi hawn mogħtija lill-Kamra u lill-Ispeaker tal-Kamra huma xorta waħda mogħtija lill-Kumitati tal-Kamra, sew jekk il-Kumitati jkunu tal-Kamra kollha sew jekk ikunu Kumitati Magħżulin, u lic-*chairman* tagħhom."

L-artikolu 11 jistipula li meta l-Ispeaker jiddeciedi jkun hemm *prima facie* każ huwa għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat tal-Privileġġi li, wara li jagħmel l-eżamijiet li jidhirlu xierqa jista' jew jagħti twiddiba jew jawtorizza lill-Ispeaker biex jordna lill-pulizija biex tressaq lill-persuna li tkun allegatament għamlet dawk l-attijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Skont is-sub-artikolu 11 (5) il-pieni applikabbli fuq sejbien ta' ħtija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jvarjaw minn twiddiba għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur u/jew multa sa EUR 1164.69.

**Konklużjoni**

Għalhekk jekk xhud debitament imħarrek ma jidhirx quddiem il-Kumitat, il-President tal-Kumitat jista' joħroġ mandat skont l-Ordni Permenenti 132 fejn ix-xhud jiġi ordnat jidher liema mandat ikun iffirmat mill-iskrivan tal-Kumitat u għandu jiġi notifikat lil dak ix-xhud, permezz ta' messaġġier tal-Kamra bl-assistenza tal-Pulizija. Din in-notifika għandha ssir skont kif stipulat fl-artikolu 5 (3) tal-Kap 113.

F'każ illi x-xhud xorta jibqa' ma jidhirx il-Kumitat għandu jirreferi l-każ lill-Ispeaker sabiex jittieħdu l-provvedimenti u l-passi opportuni mill-Kamra skont il-Kap 113 li jistgħu wkoll iwasslu biex il-persuna titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati skont l-artikolu 11 tal-Kap 113.

F' kazijiet urgenti l-kwistjoni ghandha tiġi riferita direttament lill-iSpeaker biex jittieħdu l-passi opportuni mill-Kamra skont il-Kap 113.

Peter Grech
Avukat Ġenerali